**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**
**MAĠISTRAT DR. SIMONE GRECH B.A., LL.D., Mag. Jur. (EU Law)**

**Kawża Numru: 8483/2024**

**Il-Pulizija**

**vs**

**OMISSIS**

**Illum, 28 ta' Ottubru, 2024**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet imressqa kontra OMISSIS, u li permezz tagħhom ġie akkużat talli:

*"...fil-Gżejjer Maltin u/jew barra minn dawn il-Gżejjer, bejn l-ewwel (1) ta' Jannar tas-sena elfejn u erbgha u ghoxrin (2024) u l-ghoxrin (20) ta' Awwissu tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024).*

*1. Ghen jew assista lil xi persuna biex toqgħod ġewwa Malta, kontra d-disposizzjonijiet ta' l-Att dwar l-Immigrazzjoni, jew li toqgħod ġewwa Malta bi ksur tal-liġi dwar id-dħul, i-residenza u l-ħruġ ta' dak l-Istat u dan bi ksur ta' l-Artikolu 32 (1) (a) tal-Kapitolu 217 tal-Liġijiet ta' Malta.*
*2. Fl-istess żmien, lok u ċirkostanzi, dwar xi informazzjoni li għandha tiġi mogħtija skont jew għall-finijiet tal-Att dwar l-Immigrazzjoni (Kapitolu 217 tal-Liġijiet ta' Malta), ta jew ġiegħel li jingħata xi prospett falz, dikjarazzjoni falza jew tagħrif ta' fatti foloz u dan bi ksur ta' l-Artikolu 32 (1) (c) tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta' Malta.*
*Din il-Qorti hija mitluba sabiex:*

*i. Minbarra li tinfliġġi l-pwieni skont il-liġi, tħaddem id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 532A u/jew 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Għaldaqstant, filwaqt li qegħdin jiġu esebiti l-fedina penali tal-imputat u estratt mill-att tat-twelid, qiegħed jintalab li dan il-każ jiġi ittrattat skont il-liġi."*

Rat id-dokumenti;

Semgħet il-provi;

Rat l-Artikoli indikati;

Semgħet l-ammissjoni tal-imputat, li reġgħet ġiet ikkonfermata.

In vista tal-ammissjoni, il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 32(1) (a) tal-Kap 217, l-Artikolu 32(1) (c) tal-Kap 217 u l-Artikoli 532A, 532B u 533 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qed issib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet kollha u tordna li ai termini tal-Artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Liġijiet ta' Malta, l-imputat jitqiegħed taħt Ordni ta' Probation għal sentejn mil-lum. Ai termini tal-Artiklu 7 (7) tal-Kap 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti fissret lill-ħati bi kliem ċar u li jinftiehem, l-effetti ta' probation u tal-kundizzjonijiet kollha elenkati fid-digriet anness ma' din is-sentenza, u li f'każ li jonqos milli jikkonforma ruħu ma' din l-ordni, u/jew f'każ li jagħmel reat ieħor tul it-termini tal-Ordni ta' Probation, jista jingħata sentenza għar-reati li tagħhom instab ħati b'din is-sentenza.

Ai termini tal-Artiklu 7 (8) tal-Kap 446, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u tal-Ordni tal-Probation mogħtija b'digriet tal-lum stess, għandhom jiġu trasmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizz ta' Probation, sabiex jassenja Uffiċjal tal-Probation biex ikun responsabbli għas-sorveljanza tal-ħati.

**Magistrat Dr. Simone Grech**

**Janet Calleja**
**Deputat Reġistratur**